**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 211/19VG**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Eżekuttiv Numru 977/19 fl-ismijiet:**

**Supreme Travel Limited**

**Vs**

**Joseph Mary Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Chrismarmig Company Limited fil-25 ta' Settembru 2019 permezz ta' liema, għar-raġunijiet mogħtija fir-Rikors, titlob: (i) l-allegazzjoni ta' l-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 977/19 fl-ismijiet "Supreme Travel Limited v. Joseph Mary Portelli"; u (ii) wara li r-Rikors jiġi appuntat għas-smigħ a tenur ta' l-Artikolu 281(3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Mandat ta' Qbid fl-ismijiet premessi jiġi mħassar jew alternattivament jiġi ordnat li l-imsemmi Mandat ma jiġix esegwit fil-fond Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, Qawra, u dan taħt dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun li timponi;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 9 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà Supreme Travel Limited permezz ta' liema topponi għat-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti u titlob li l-istess jiġu miċħuda, bl-ispejjez kontra s-soċjetà Rikorrenti;

Rat id-dokument anness mar-Risposta tas-soċjetà Supreme Travel Limited a fol. 17 sa' 19 tal-proċess;

Rat li Joseph Mary Portelli ġie notifikat bir-Rikors promotur[1] iżda ma ppreżentax Risposta entro t-terminu lilu prefiss u dana nonostante li huwa deher, anke fil-vesti tiegħu personali waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2019[2];
Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Mary Portelli mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2019[3];

[1] A tergo ta' fol. 12 tal-proċess.
[2] Fol. 20 tal-proċess.
[3] Fol. 21 u 22 tal-proċess.

Semgħet it-trattazzjoni orali;

Rat li b'Digriet datat 11 ta' Ottubru 2019[4], ġiet ordnata l-allegazzjoni ta' l-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 977/19 fl-ismijiet "Supreme Travel Limited v. Joseph Mary Portelli";

Rat l-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 977/19 fl-ismijiet "Supreme Travel Limited v. Joseph Mary Portelli" allegati ma' l-atti ta' dawn il-proċeduri;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà Rikorrenti oltre li titlob l-allegazzjoni ta' l-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 977/19 fl-ismijiet "Supreme Travel Limited v. Joseph Mary Portelli" [iktar 'l quddiem f'din is-sentenza indikata bħala l-Mandat ta' Qbid Nru. 977/19], titlob li l-imsemmi Mandat ta' Qbid Nru. 977/19 jiġi mħassar jew alternattivament jiġi ordnat li ma jiġix eżegwit fil-fond Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, Qawra, u dan taħt dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun li timponi.

Is-soċjetà Rikorrenti tibbaża t-talbiet tagħha fuq is-segwenti premessi: *illi riċentement inħareġ mandat ta' qbid eżekuttiv fl-ismijiet premessi in segwitu ta' sentenza fl-ismijiet Supreme Travel Limited (C-16048) vs Joseph Mary Portelli deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Frar 2019. Illi s-soċjetà kreditriċi Supreme Travel Limited qed tittanta teżegwixxi dan il-mandat ta' qbid fuq il-mobbli ġewwa l-fond Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, Qawra. Illi però l-proprjetà Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, Qawra, m'hix proprjetà tad-debitur Joseph Portelli iżda proprjetà tas-soċjetà esponenti. Fil-fatt is-soċjetà esponenti kienet xtrat u akkwistat plot fis-26 ta' April 1999 (kopja tal-kuntratt qed jiġi eżibit bħala Dok. A) u filwaqt li żviluppat l-art f'appartamenti u biegħet ħafna minnhom, hija żammet għaliha l-penthouse. Fl-appartament qiegħed jgħix id-direttur tas-soċjetà esponenti, Joseph Portelli, però l-oġġetti kollha f'dan l-appartament m'humiex ta' Joseph Portelli iżda tas-soċjetà esponenti. Qed jiġi eżebit ukoll wieħed mill-kuntratti fejn is-soċjetà esponenti biegħet wieħed mill-appartamenti in kwistjoni (Dok. B). Illi għalhekk, in kwantu l-mandat qiegħed jiġi esegwit fuq assi tas-soċjetà esponenti u mhux fuq assi tad-debitur, tali mandat huwa wieħed irritwali u s-soċjetà esponenti għandha dritt tintavola dan ir-rikors a tenur ta' l-artikolu 281 tal-Kap.12*[5].

Is-soċjetà intimata Supreme Travel Limited topponi għat-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti u titlob li l-istess jiġu miċħuda stante li: *huwa minnu li l-kumpannija esponenti talbet u ottjeniet il-ħruġ tal-madnat ta' qbid eżekuttiv mertu ta' dawn il-proċeduri u dana in eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv li għadda in ġudikat fil-konfront ta' Joseph Portelli. Illi d-debitur tal-kumpannija esponenti, ossija Joseph Portelli*

[4] Fol. 23 tal-proċess.
[5] Rikors promotur, fol. 1 u 2 tal-proċess.

*jabita fil-fond Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, Qawra, kif del resto huwa ammess mil-kumpannija rikorrenti. Illi l-imsemmi Joseph Portelli huwa direttur uniku tal-kumpannija rikorrenti u l-azzjonist maġġoritarju ta' l-istess kumpannija apparti li jokkupa l-kariga wkoll ta' segretarju u rappreżentant legali u ġudizzjali ta' l-istess u dana kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi u markati kollettivament bħala Dok. A. Illi l-kumpannija rikorrenti, tramite r-rappreżentant tagħha l-istess Joseph Portelli, tissottometti li l-appartament li fih jirrisjedi d-direttur tagħha Joseph Portelli ma japparjenix lil Joseph Portelli iżda lill-kumpannija rikorrenti. In sostenn ta' dina s-sottomissjoni l-kumpannija rikorrenti ma tressaq ebda prova għajr għal kuntratt li bih hija kienet biegħet lil terzi appartament ieħor formanti parti mill-istess blokk li bir-rispett kollu ma jfisser assolutament xejn! Illi l-kumpannija rikorrenti tikkontendi wkoll illi l-mobbli kollha li jinsabu f'dana l-appartement li fih jirrisjedi Joseph Portelli ma jappartjenux lil Joseph Portelli imma lill-kumpannija rikorrenti. F'dana r-rigward l-kumpannija rikorrenti ma tressaq assolutament ebda prova li tali mobbli ġew akkwistati mill-kumpannija rikorrenti u mhux minn Joseph Portelli. Illi kif inhu risaput 'ei incumbit probatio qui affirmat no qui negat' u in sostenn ta' l-istess kien jinkombi fuq il-kumpannija rikorrenti li tipprova dak li tistqarr u dana billi minn ta' l-inqas: (a) tressaq kopja kompleta tar-riċerki mir-Reġistru Pubbliku f'isem Joseph Portelli li minnhom għandu jirriżulta jekk huwiex minnu li Joseph Portelli ma huwiex proprjetarju ta' l-appartament li jgħix fih; u (b) tressaq kopja tar-riċevuti u/jew kuntratti li permezz tagħhom il-kumpannija rikorrenti tipprova li l-oġġetti mobbli li hemm fl-appartament li jirrisjedi fih Joseph Portelli jappartjenu lilha u mhux lil Joseph Portelli. Illi dawn il-provi huma aktar kruċjali fil-każ odjern u dana għaliex huwa mill-aktar evidenti li Joseph Portelli, debitur tal-kumpannija esponenti, qiegħed jipprova jaħrab mill-obbligu li jħallas id-debiti tiegħu billi jinħeba wara l-kumpannija tiegħu stess!!! Illi fl-aħħar għandu jingħad illi skond il-Liġi u l-ġurisprudenza nostrana l-persuna li tkun fil-pussess ta' oġġetti mobbli hija presunta li hija l-proprjetarja ta' l-istess, liema presunzjoni hija juris tantum u hija biss bi provi konklusivi li tali preżunzjoni tista' tiġi kontradetta. Illi huwa ammess illi Joseph Portelli jinsab fil-pussess ta' dawn l-oġġetti mobbli u dana stante li jinsabu fl-appartament li fih huwa jirrisjedi. Illi għalhekk fin-nuqqas li tiġi preżentata prova konkreta li l-mobbli li jinsabu fir-residenza ta' Joseph Portelli huma fil-verità proprjetà tal-kumpannija rikorrenti, għandha tapplika l-preżunzjoni li dawk il-mobbli huma proprjetà ta' Joseph Portelli*[6].

Joseph Mary Portelli, għad illi ġie notifikat bir-Rikors tas-soċjetà Chrismarmig Company Limited ma ppreżentax Risposta entro t-terminu lilu prefiss.

Qabel ma tittratta r-Rikors tas-soċjetà Rikorrenti fil-mertu, il-Qorti tosserva li l-ewwel talba ta' l-imsemmija soċjetà kif avvanzata fir-Rikors tagħha tal-25 ta' Settembru 2019, ossia t-talba sabiex jiġu allegati l-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 977/19 fl-ismijiet "Supreme Travel Limited v. Joseph Mary Portelli", ġiet indirizzata b'Digriet mogħti fil-11 ta' Ottubru 2019[7], li bih ġiet effettivament ordnata tali allegazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.

[6] Risposta tas-soċjetà intimata, fol. 14 sa' 16 tal-proċess.
[7] Fol. 23 tal-proċess.

Dwar il-mertu tar-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Rikorrenti fil-25 ta' Settembru 2019, jiġi osservat li mill-istess Rikors jirriżulta ferm ċar li s-soċjetà Rikorrenti tibbaża t-talbiet tagħha għat-tħassir tal-Mandat ta' Qbid Nru. 977/19 **jew** alternattivament biex jiġi ordnat li dak il-Mandat ta' Qbid Nru. 977/19 ma jiġix eżegwit fil-fond Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, Qawra, fuq l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi: *(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skond il-liġi. (2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta: Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni il-qorti għandha tilqa' t-talba. (3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara is-smigħ tal-partijiet, u kull xhieda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata. (4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti ta' l-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tlett xhur mid-data ta' l-appuntament għas-smigħ. (5) Il-garanzija imsemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.*

Dwar l-interpretazzjoni w applikazzjoni ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili wara ir-**Rikors fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Nru. 23/2015 fl-ismijiet A.A.S.K. Enterprises Limited v. MORE Supermarkets (Fgura) Limited, Rik. Nru. 28/15** mogħtija fit-12 ta' Frar 2015, fejn ġie osservat illi: *fil-provvediment tagħha ta' l-20 ta' Ġunju 2012 fl-atti tar-rikors ta' Rose Marie Holland wara l-Mandati ta' Qbid (Eżekuttivi) numri 1817/11MB u 1818/11MB fl-ismijiet "Victor Fenech et v. Anthony Fountain et" din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk:- … ir-rimedju mogħti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wieħed speċjali (kemm fir-rigward tal-proċedura imfassla u kif ukoll għas-sura ta' rimedju mogħti) maħsub li jġib it-tħassir ta' l-att eżekuttiv, kemm għal kollox jew inkella f'biċċa minnu, u dan 'għal raġuni valida skond il-liġi'.* ***Għalkemm ma tingħata l-ebda tifsira fil-liġi dwar x'tista' tkun 'raġuni valida' li twassal għall-għoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, għall-finijiet ta' l-artikolu 281, l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innfisu li, bis-saħħa tiegħu, il-parti interessata tista' ġġarrab preġudizzju, u dan billi jsir eżami formali ta' l-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir*. *Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mill-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv…*** ***Illi huwa aċċettat li l-fatt li l-ħwejjeġ maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' Mandat ma jagħmlux mill-ġid tad-debitur eżekutat ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu, iżda jekk stess iħalli effett fuq l-***

***eżekuzzjoni. ... Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni, m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi***. ... ***Min-naħa l-oħra, it-talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' Mandat ma ssirx taħt l-artikolu 281... Il-prattika stabilita, imbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi***[8]. *Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf. ... Illi jagħti 'l wieħed x'jargumenta bis-sħiħ jekk l-eżekuzzjoni ta' Mandat għandhiex titqies bħala parti essenzjali mill-istess Mandat. U dan jista' wkoll jitqies fid-dawl tar-rimedju mogħti fi kliem l-artikolu 281 lil 'xi persuna oħra interessata'. Fl-istess waqt, il-Qorti tagħraf ukoll li l-fehmiet tal-qrati tagħna dwar jekk l-artikolu 281 jistax iservi biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat eżekuttiv m'hux dejjem jaqblu (ara: P.A. GC: 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet "Car Care Products Ltd. v. John Bugeja et" (li ma aċċettatx li l-art 281 jista' jintuża biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat) u P.A. AE: 2.8.2011 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet "Alan Bartoli noe vs A Gatt Trading Ltd et (fejn l-art. 281 tħalla jintuża biex jattakka eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid fuq ħwejjeġ li ma kienux tad-debitur eżekutat). Madanakollu,* ***il-fehma ta' din il-Qorti hi li l-proċedura ta' l-artikolu 281 ma tistax tgħin biex persuna tattakka l-eżekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma, minbarra li dak li issemma qabel, toħroġ ukoll mill-fatt li r-rimedju mogħti mill-Liġi għal min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' att eżekuttiv (Art. 276 tal-Kap.12) jiġifieri bi proċedura kontenzjuża 'normali', kien jeżisti sa' minn qabel ma ddaħħal fil-Kodiċi r-rimedju speċjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjaħ l-art. 283A)***. ***Ma jidhirx li meta l-leġislatur (fl-2006) wessa' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 281 tal-Kap. 12 favur "xi persuna oħra interessata" wessa' wkoll ir-raġunijiet li dwarhom dak ir-rimedju sata' jintalab qabel dak iż-żmien. Wieħed ma jridx jinsa li r-rimedju mogħti taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura m'huwiex ir-rimedju waħdien li jista' jingħata "taħt din il-liġi jew xi liġi oħra"***[9] *(ara: App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet "Awtorità ta' Malta v. Polidano Brothers Ltd"). ... din il-Qorti jidhrilha li jkun utli li jingħad illi l-iskop wara l-proċediment skond l-Art. 281 tal-Kap.12 baqa' l-istess kif kien meta d-disposizzjoni viġenti kienet l-Art. 283A qabel dan l-artikolu kien sostitwit bl-Art. 281. Infatti fil-provvediment tagħha tal-5 ta' Mejju 2005 fl-atti tar-Rikros Nru. 287/2005 wara il-Mandat ta' Sekwestru Nru. 392/05 fl-ismijiet "Edward Pavia v. Michael Sultana et" l-istess Qorti (PA/JRM) li ppronunzjat il-provvediment hawn fuq riferit qalet hekk dwar l-iskop ta' l-Art. 283A:- "... Illi l-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum jinkwadra ruħu u huwa espressament imsejjes mir-rikorrenti fuq dak li jipprovdi l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul ta' l-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma*

[8] Enfasi ta' din il-Qorti.
[9] Enfasi ta' din il-Qorti.

*marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. ... Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra.* ***Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun 'raġuni valida skond il-liġi" li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-Mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju fl-Artikolu 836 li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju***[10].

Applikati l-prinċipji ġuridiċi hawn appena ċitati għall-każ in eżami jirriżulta b'mod ċar li t-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti kemm għat-tħassir tal-Mandat ta' Qbid Nru.977/19 **kif ukoll** alternattivament sabiex jiġi ordnat li tali Mandat ta' Qbid Nru.977/19 ma jiġix eżegwit fil-fond Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, Qawra, in kwantu bbażati fuq l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistgħux jiġu milqugħa.

A tenur ta' l-**Artikolu 252** tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta: *Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-mandati in factum, l-eżekuzzjoni b'wieħed mill-meżżi msemmijin fl-artikolu 273 tista' ssir biss bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv.* L-**Artikolu 253(a)** tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *huma titoli eżekuttivi: (a) is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta* u l-**Artikolu 256(1)** tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull sentenza oħra definittiva illi ma jkunx fiha kondizzjonijiet sospensivi, u li tkun tikkundanna lid-debitur għal ħlas ta' somma likwida jew biex jagħti jew jitlaq ħaġa ċerta, jew biex jesegwixxi fatt jew obbligu partikolari, hija esegwibbli wara jumejn minn dak in-nhar li tingħata.* A tenur ta' l-**Artikolu 274** tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta: *(1) Kull wieħed mill-mandati msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan* [inkluż il-Mandat ta' Qbid fuq Ħwejjeġ Mobbli - Artikolu 273(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta] *jiġu maħruġa mill-qorti fuq talba ta' l-esekutant: Iżda, meta fil-fehma tar-reġistratur il-firma ta' l-Imħallef jew tal-Maġistrat li għandu s-setgħa li joħroġ mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ mobbli jew mandat ta' sekwestru esekuttiv ma tistax tinkiseb fi żmien raġonevoli u illi d-dewmien jista' jkun ta' preġudizzju, l-imsemmi mandat jista' jiġi maħruġ bil-firma personali tar-reġistratur wara li jkun l-ewwel kiseb awtorizzazzjoni verbali mingħand l-Imħallef jew il-Maġistrat biex jagħmel hekk, l-Imħallef jew il-Maġistrat għandu jżid il-firma tiegħu taħt dik tar-reġistratur ma' l-ewwel opportunità li jkollu bi prova li dik l-awtorità tkun ingħatat jew inkella, jekk mhuwiex possibbli għar-reġistratur li jikseb dik l-awtorizzazzjoni, ir-reġistratur għandu joħroġ dak il-mandat jew ordni bil-firma tiegħu biss b'dan illi Imħallef jew Maġistrat ikun irid jirratifika dik il-firma kemm jista' jkun malajr, u ħadd ma jkun jista' jattakka r-regolarità ta' dak il-mandat minħabba li l-mandat ikun seta' joħroġ bil-firma ta' Imħallef jew Maġistrat, skond il-każ. (2) It-talba għall-ħruġ ta' mandat jew ordni għandha ssir b'rikors, u dan ir-rikors għandu jindika s-somma jew u, jew il-ħaġa dovuta bis-saħħa tat-titolu, kif ukoll ir-rimedji u, jew il-provvedimenti mitluba. (3) Fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort' oħra milli sentenza tal-qorti li lilha*

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

*hi magħmula t-talba, kopja ta' l-istess titolu u ta' l-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skond l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba. (4) Jekk bl-istess mandat jew ordni jintalab li jiġu rkuprati wkoll spejjeż ġudizzjarji, l-ammont tagħhom għandu jitniżżel fit-talba u t-taxxa ta' dawn l-ispejjeż tiġi annessa magħhom.* L-**Artikolu 282** tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *il-mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ mobbli, barra l-partikolaritajiet imsemmijin fl-artikolu 274, għandu jkun fih l-ordnijiet tal-Qorti fejn: (a)(i) għandu jiffissa l-jum, il-lok u l-ħin tal-bejgħ fl-irkant bil-qorti u sussegwentement li jaqbad u kontestwalment jeleva l-oġġetti kollha mil-lok indikat mill-kreditur jew minn fuq il-persuna tad-debitur; jew (ii) għandhom jinqabdu mil-lok li jiġi indikat mill-kreditur, inkluż minn fuq il-persuna tad-debitur, l-oġġetti kollha fil-pussess tad-debitur jew l-oġġett jew oġġetti msemmija fil-mandat; kif ukoll li wara l-eżekuzzjoni, l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti għandu jiġi ordnat sabiex jiffissa, flimkien ma' l-avukat jew il-prokuratur legali tal-kreditur, il-ġurnata tal-bejgħ bl-irkant fil-qorti wara konsultazzjoni ma' l-uffiċjal eżekuttiv inkarigat, u liema uffiċjal għandu jiffissa wkoll mal-kreditur il-jum li għandu jkun ta' l-inqas sebat ijiem qabel dak iffissat għall-bejgħ fl-irkant bil-qorti sabiex issir l-elevazzjoni ta' l-oġġetti li l-kreditur eżekutant jagħżel li jiġu elevati; (b) għandu jiġi eżegwit il-mandat, jekk hekk meħtieġ, wara s-siegħat legali u fil-Ħdud u btajjel pubbliċi u jekk wara żewġ attentati ta' eżekuzzjoni l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti ma jirnexxilux jinnotifika, huwa jkun awtorizzat jiżgassa; (ċ) għandhom jiġu trasportati l-ħwejjeġ maqbuda w elevati għall-postijiet tal-ħażna li jiġu indikati mill-kunsinnatarju u jittrasferixxi l-pussess tagħhom mid-debitur għall-kunsinnatarju; (d) għandu jaħtar kunsinnatarju u għandu jintaxxa u jirċievi ħlas dovut lill-kunsinnatarju mingħand il-kreditur għall-perijodu li l-oġġetti maqbuda u elevati ser jagħmlu f'idejn il-kunsinnatarju b'dan illi dan il-ħlas jista' jiġi maqsum fuq perijodi li jiffissa r-Reġistratur skond in-natura ta' l-oġġetti maqbuda w elevati. Dan il-ħlas isir bla ħsara tal-jedd tar-rigress kontra d-debitur meta hemm lok għal dan ir-rigress; (e) għandhom jiġu maħtura esperti biex jivvalutaw il-ħwejjeġ miżmuma, jekk dan hu meħtieġ bil-liġi, jew f'ċirkostanzi speċjali li l-qorti jidhrilha li hu xieraq, jew fuq talba ta' xi parti interessata jew tad-debitur; (f) għandu jiġi maħtur irkantatur bi ħlas skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Irkantaturi, jekk dan hu meħtieġ bil-liġi; (g) tordna l-bejgħ fl-irkant bil-qorti ta' dawk l-oġġetti maqbuda w elevati fil-jum stabbilit skond ir-regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja u dan mingħajr il-bżonn ta' notifika oħra lid-debitur.*

Fil-każ in eżami ma huwiex kontestat bejn il-partijiet kontendenti li s-soċjetà Supreme Travel Limited għandha titolu eżekuttiv fil-konfront ta' Joseph Mary Portelli bis-saħħa ta' sentenza fl-ismijiet "Supreme Travel Limited (C-16048) vs Joseph Mary Portelli" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Frar 2019. Lanqas ma huwa kontestat li s-soċjetà Supreme Travel Limited għaddiet għall-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha fil-konfront ta' Joseph Mary Portelli permezz tal-Mandat ta' Qbid Nru.977/19, liema Mandat intalab, permezz tar-Rikors opportun fejn ġew indikati s-sorte u l-imgħaxijiet pretiżi kif ukoll ir-rimedji mitluba, fit-22 ta' Mejju 2019 - kwindi iktar minn jumejn wara li ngħatat u addirittura li saret *res judicata* - u ġie milqugħ b'Digriet mogħti fl-24 ta' Mejju 2019. Il-Mandat ta' Qbid Nru.977/19 huwa debitament iffirmat minn Maġistrat u d-Digriet datat 24 ta' Mejju 2019 jindirizza l-elementi w ordnijiet kollha indikati w elenkati fl-Artikolu 282 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta iktar 'l fuq ċitat.

Minn dan kollu osservat jirriżulta għalhekk li l-Mandat ta' Qbid Nru.977/19 ma fih l-ebda għelt jew nuqqas li bis-saħħa tiegħu s-soċjetà Rikorrenti tista' ġġarrab preġudizzju u għaldaqstant it-talba tagħha **għat-tħassir** ta' dan il-Mandat ta' Qbid a tenur ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tiġi milqugħa.

Jiġi ulterjorment osservat, u dan fid-dawl tal-fatt li in verità s-soċjetà Rikorrenti istitwiet il-proċeduri odjerni peress illi tallega li l-mobbli sitwati fil-fond fejn għanda ssir l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Nru.977/19, ossia Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, San Pawl il-Baħar/Qawra, huma di proprjetà tagħha u mhux ta' Joseph Mary Portelli in kwantu l-imsemmi fond hu di proprjetà tagħha u mhux ta' l-imsemmi Portelli, li hekk kif jirriżulta mill-prinċipji ġuridiċi iktar 'l fuq ċitati, il-fatt li l-ħwejjeġ maqbuda jew, iżżid tosserva din il-Qorti, li jistgħu potenzjalment jiġu maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' Mandat, ma humiex di proprjetà tad-debitur eżekutat ma għandu jimpinġi bl-ebda mod fuq is-siwi tal-Mandat fih innifsu in kwantu din, se mai, hija kwistjoni li tolqot l-eżekuzzjoni tal-Mandat u mhux il-validità intrinsika legali tiegħu u per konsegwenza mhux proponibbli taħt l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, il-Qorti tqis li t-talba avvanzata mis-soċjetà Rikorrenti għat-tħassir tal-Mandat ta' Qbid Nru. 977/19 ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Alternattivament għat-tħassir tal-Mandat ta' Qbid Nru.977/19 is-soċjetà Rikorrenti titlob li jiġi ordnat li dan l-istess imsemmi Mandat ta' Qbid ma jiġix eżegwit fil-fond Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, Qawra, in kwantu dak il-fond, bil-mobbli ta' ġo fih, huwa di proprjetà tagħha u mhux ta' Joseph Mary Portelli.

Fir-rigward ta' tali talba l-Qorti tosserva li apparte l-fatt li l-istess ma hijiex proponibbli taħt l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta - u dan kif ġia iktar 'l fuq osservat - hemm raġuni oħra in bażi għal liema din it-talba alternattiva tas-soċjetà Rikorrenti ma tistax tiġi milqugha, u dina hija l-fatt li mill-atti tal-Mandat ta' Qbid Nru.977/19 jirriżulta li l-istess Mandat - fiċ-ċert sad-data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni u preżumibilment anke sa' llum - għadu ma ġiex esegwit.

Mir-riferti tal-Marixall tal-Qorti Ivan Spiteri Binachi jirriżulta li huwa għamel ben tlett tentattivi għall-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Nru. 977/19 iżda l-ebda wieħed minn dawn it-tentattivi ma rnexxa peress illi kull darba **ma fetaħ ħadd**. Ladarba l-Mandat ta' Qbid Nru. 977/19 għadu ma ġiex eżegwit japplika dak tassattivament provdut fl-Artikolu 276 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li: ***ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni***. Il-prinċipju li l-eżekuzzjoni ta' Mandat Eżekuttiv ma tistax tiġi opposta u/jew ostakolata qabel ma din l-istess eżekuzzjoni sseħħ ġie kkonfermat fid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell wara **ir-Rikors fl-Atti tal-Mandat ta' Żgumbrament Numru 1606/17 fl-ismijiet Bank fo Valletta p.l.c. v. Antoine Vassallo et**, mogħtija fis-27 ta' Settembru 2019, fejn il-Qorti ta' l-Appell appuntu osservat illi: *sewwa qalet l-ewwel qorti illi l-liġi ma tippermettiv is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' mandat esekuttiv.* ***Ir-raġuni għal dan inisbuha mhux biss fl-argument ubi voluti dixit imsejjes fuq l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li fuqu strieħet l-ewwel qorti,***

***iżda fid-disposizzjoni espressa tal-liġi fl-art. 276 tal-Kodiċi: "276. Ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni"***[11].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li anke t-talba sabiex jiġi ordnat li l-Mandat ta' Qbid Nru. 977/19 ma jiġix eżegwit fil-fond Belvedere Court, Penthouse 13, Triq it-Trill, San Pawl il-Baħar/Qawra, avvanzata mis-soċjetà Rikorrenti ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba tas-soċjetà Rikorrenti avvanzata bir-Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2019, in kwantu din ġiet indirizzata bl-allegazzjoni ta' l-Atti tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 977/19 fl-ismijiet "Supreme Travel Limited v. Joseph Mary Portelli" ordnata b'Digriet mogħti fl-11 ta' Ottubru 2019, tiċħad fl-intier tagħha t-tieni talba avvanzata mis-soċjetà Rikorrenti fl-imsemmi Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2019

L-ispejjez ta' dawn il-proċeduri jibqghu a karigu tas-soċjetà Rikorrenti Chrismarmig Company Limited.

**Mogħti llum 24 ta' Ottubru 2019**

**MAĠISTRAT**

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.